



STQARRIJA TA' PRIVATEZZA SPEĊIFIKA LI TIRREGOLA R-REKLUTAĠĠ FIL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

Din l-istqarrija ta' privatezza hija relatata mal-ipproċessar ta' *data* personali ppreżentata minn kandidati li jkunu qed japplikaw għal proċedura tal-għażla jew għal avviż ta' post battal ippubblikati mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA), kif ukoll mat-trattament ta' kull korrispondenza li ssir mal-QEA f'dan ir-rigward.

Din l-istqarrija tispjega kif il-QEA tittratta d-*data* personali tiegħek u l-mod kif aħna niggarrantixxu l-privatezza tad-*data*.

Billi tikkuntattja lill-QEA għal kwalunkwe waħda mill-finijiet imsemmija hawn fuq, inti tkun qed tagħti l-kunsens tiegħek biex id-*data* tiegħek tiġi pproċessata kif deskritt f'din l-istqarrija.

Min huwa responsabbli għat-trattament tad-*data* tiegħek?

Il-kontrollur tad-*data* għal dan il-proċess huwa d-Direttur tar-Riżorsi Umani, Finanzi u Servizzi Ġenerali.

Għalfejn niġbru d-*data* tiegħek?

Id-*data* ma tinġabarx biss bħala parti mill-proċedura tal-għażla/proċedura relatata ma' avviż ta' post battal biex il-merti relattivi tal-kandidati kollha jkunu jistgħu jiġu evalwati bil-ħsieb tal-possibbiltà ta' reklutaġġ tagħhom, iżda tinġabar ukoll biex aħna nkunu nistgħu nirrispondu għal mistoqsijiet ġenerali li jsiru rigward ir-reklutaġġ fil-QEA. Id-*data* personali tiegħek ma tistax tiġi pproċessata ħlief għall-finijiet li għalihom tkun inġabret.

Liema huma r-regoli li jirregolaw l-użu tad-*data* tiegħek?

Ir-[Regolament \(UE\) 2018/1725](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 jikkostitwixxi l-qafas legali għall-ipproċessar ta' *data* personali min-naħa tal-QEA.

Ir-regoli dwar ir-reklutaġġ huma stabbiliti fl-Artikoli 27-34 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u fl-Artikoli 12-15 u 82-84 tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

X'*data* personali niġbru?

Skont l-użu li għalih tkun intenzjonata, il-kandidati jistgħu jintalbu jipprovdu d-*data* li ġejja: l-isem, in-nazzjonalità, l-indirizz, in-numru tat-telefown, l-indirizz elettroniku, curriculum vitae, ittra ta' motivazzjoni, dikjarazzjoni formali u kull informazzjoni oħra li tkun rilevanti għall-applikazzjoni (inkluż il-grad u l-grupp ta' funzjoni għall-uffiċjali tal-UE).

Min ikollu aċċess għad-*data* tiegħek u lil min tiġi kkomunikata?

Id-Direttorat tar-Riżorsi Umani, Finanzi u Servizzi Ġenerali, il-Kabinett tas-Segretarju Ġenerali u l-membri tal-bord tal-għażla rilevanti li jkollhom aċċess għad-*data* tiegħek u, f'xi każijiet rari, il-maniġers prinċipali/id-diretturi responsabbli jkollhom aċċess għad-*data* tiegħek skont il-prinċipju ta' "ħtieġa ta' tagħrif".

Id-*data* personali tiegħek tista' tiġi ttrasferita lil destinatarji oħra:

- awdituri interni u/jew esterni;
- is-Servizz Legali tal-QEA, f'każ li jkun meħtieġ parir legali;
- id-direttorat tat-traduzzjoni tal-QEA, f'każ li tkun meħtieġa traduzzjoni;

u f'każ ta' lment, l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* tal-QEA, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* u l-Ombudsman Ewropew.

Jekk avviż ta' post battal jew sejħa għal espressjoni ta' interess ikunu jipprevedu l-istabbiliment ta' lista ta' riżerva, din il-lista li jkun fiha l-ismijiet tal-kandidati li jintgħażlu tiġi ppubblikata fuq is-sit web (Intranet/Internet) tal-QEA.

Aħna kif nissalvagwardjaw id-*data* tiegħek kontra l-possibbiltà ta' użu ħażin jew kontra l-aċċess mhux awtorizzat?

Id-*data* tiegħek tinżamm fuq sit estern li jinsab ġewwa t-territorju tal-UE, taħt il-kontroll tal-QEA, u għalhekk hija koperta minn bosta miżuri meħuda biex jiġu protetti d-disponibbiltà, l-integrità u l-kunfidenzjalità tar-riżorsi elettroniċi tal-istituzzjoni.

L-aċċess għad-*data* personali huwa limitat għal grupp speċifiku ta' utenti. Id-drittijiet ta' aċċess jingħataw fuq bażi ta' bżonn (skont il-prinċipju ta' "ħtieġa ta' tagħrif"), filwaqt li jittieħed kont tar-rwol, il-kariga u r-responsabbiltajiet tal-persuna kkonċernata. Dawn id-drittijiet jiġu kontinwament aġġornati hekk kif il-kompiti tal-persunal jinbidlu.

Is-Segretarju Ġenerali tal-QEA huwa kumplessivament responsabbli għall-implimentazzjoni tar-regoli dwar id-drittijiet ta' aċċess u għall-konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data*, iżda huwa ddelega r-responsabbiltà f'dawn l-oqsma lil entitajiet differenti. Il-Qorti għandha politika dwar is-sigurtà tal-informazzjoni, u Uffiċjal tas-Sigurtà tal-Informazzjoni li jiżgura li l-politika tiġi implimentata b'mod korrett u li l-kontrolli relatati jiġu ttestjati għall-effiċjenza.

Għal kemm żmien inżommu d-*data* tiegħek?

Id-*data* tiegħek tinżamm sa tmiem il-proċedura tal-għażla/proċedura relatata ma' avviż ta' post battal. Dan iż-żmien jiġi estiż għall-perjodu stipulat fir-Regolament Finanzjarju, fir-Regolamenti tal-Persunal u fit-Trattat tal-UE rigward il-ħżin ta' *data* għal finijiet legali u tal-awditjar.

Il-perjodu li matulu nżommu d-*data* tiegħek jiddependi mill-proċedura tal-għażla/proċedura relatata ma' avviż ta' post battal. Pereżempju, l-applikazzjonijiet spontanji jinżammu għal sentejn, iżda l-applikazzjonijiet li nirċievu b'segwitu għal sejħa għal espressjoni ta' interess jew għal avviż ta' post battal jinżammu għal sentejn u għal 10 snin rispettivament wara l-għeluq tal-proċedura tal-għażla korrispondenti.

Il-lista ta' riżerva tal-kandidati li jintgħażlu tibqa' disponibbli fuq is-sit web (Intranet/Internet) tal-QEA sa tmiem il-validità tagħha.

Id-*data* personali li tinġabar permezz tal-formola ta' kuntatt titħassar mir-reġistru ħames snin wara d-*data* li fiha tkun ippreżentajt it-talba tiegħek għal informazzjoni.

X'inhuma d-drittijiet tiegħek?

Id-drittijiet tiegħek fir-rigward tad-*data* personali tiegħek huma stipulati fl-Artikoli 17 sa 24 tar-Regolament (UE) 2018/1725.

Inti għandek id-dritt li jkollok aċċess għad-*data* personali tiegħek u li titlob li din tiġi rrettifikata mingħajr dewmien żejjed jekk din ma tkunx preċiża jew kompleta.

Taħt ċerti kundizzjonijiet, inti għandek ukoll id-dritt li titlobna nħassru d-*data* personali tiegħek jew li nillimitaw l-użu tagħha. Fejn ikun applikabbli, inti għandek id-dritt li, fi kwalunkwe ħin, toġġezzjona għall-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek, għal raġunijiet relatati mas-sitwazzjoni partikolari tiegħek, u għandek id-dritt għall-portabbiltà tad-*data*.

Inti għandek id-dritt li ismek ma jidherx fil-lista ta' riżerva ppubblikata fuq is-sit web tal-QEA.

Aħna nqisu t-talba tiegħek, nieħdu deċizzjoni, u nikkomunikawhielek mingħajr dewmien żejjed u, fi kwalunkwe każ, mhux aktar tard minn xahar minn meta nirċievu t-talba tiegħek. Dan il-perjodu jista' jiġi estiż b'xahrejn oħra, fejn ikun meħtieġ.

Inti tista' teżerċita d-drittijiet tiegħek billi tikkuntattja lill-kontrollur tad-*data* permezz tal-informazzjoni ta' kuntatt li tingħata hawn taħt.

Lil min għandek tikkuntattja f'każ ta' mistoqsija jew ilment?

L-ewwel punt ta' kuntatt huwa d-Direttorat tar-Riżorsi Umani fuq ECA-recrutement@eca.europa.eu. Jekk ikollok xi mistoqsijiet dwar l-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek, tista' tikkuntattja wkoll lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* (ECA-data-protection@eca.europa.eu).

Barra minn hekk, inti għandek id-dritt li, fi kwalunkwe ħin, tindirizza lment lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (edps@edps.europa.eu).